MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 533/1998/1

**FABIAN ENTERPRISES LIMITED**

**vs**

**Joe GRIMA eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem *J & S Car Hire***

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta' Marzu, 1998, bil-proċedura sommarja speċjali li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, il-kumpannija attriċi talbet li l-imħarrek iħallasha s-somma ta' elf tliet mija u sittin lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm 1630.31) bħala prezz ta' *private mobile radio system* lilu minnha mibjugħa u konsenjata;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' April, 1998, li bih tat lill-imħarrek il-fakulta' li jikkontesta l-kawża u li jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet fi żmien għoxrin jum;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fit-8 ta' Mejju, 1998, li biha eċċepixxa li l-merkanzija ma kinitx tal-kwalita' miftehma; u wkoll li huwa kien dejjem lest li jħallas għall-merkanzija meta tingħatalu jew li jsir l-iskambju għal dik il-merkanzija in partikolari;

Rat id-degriet tad-29 ta' Mejju, 1998[1], li bih ħatret bħala espert tekniku lil Henry Baker, bi spejjeż provviżorjament tal-imħarrek;

Rat ir-Relazzjoni mressqa mill-istess perit tekniku fit-18 ta' Novembru, 2003[2], u minnu maħlufa waqt is-smigħ tas-26 ta' Novembru, 2003;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Marzu, 2004[3], li bih u fuq talba magħmula mill-avukat tal-imħarrek, il-Qorti ħalliet li l-perit tekniku jittella' b'xhud in eskussjoni;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-15 ta' Ġunju, 2004, li bih l-avukat tal-imħarrek għarraf lill-Qorti li ma kienx għadu qiegħed jinsisti li jressaq lill-perit tekniku in eskussjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tad-9 ta' Diċembru, 2004, tal-25 ta' Mejju, 2005, u tat-30 ta' Novembru, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' ħlas ta' hilanċ tal-prezz ta' ħaġa mibjugħa. Il-kumpannija attriċi tgħid li hija biegħet sistema ta' *land mobile transceivers* lill-imħarrek u dan ma ħallas il-prezz kollu. Tgħid li l-imħarrek għadu jżomm il-ħaġa mibjugħa lilu;

[1] Paġ. 15 tal-proċess
[2] Paġġ. 44 sa 51 tal-proċess
[3] Paġ. 103 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qed jgħid li dak li għaddietlu l-kumpannija attriċi m'huwiex dak li ried u lanqas dak li ftehmu. Minbarra dan, jgħid li huwa kien dejjem lest li jħallas il-prezz hekk kif jingħata dak li kien ordna li meta jirriżulta li dak li jingħata jkun dak li kien jeħtieġ;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li f'xi żmien fl-1996, l-imħarrek staqsa lill-kumpannija attriċi tfornih b'sistema ta' *base station* li tgħaqqad magħha numru ta' *land mobile transceivers* imwaħħlin ġo vetturi mikrija. L-imħarrek imexxi impriża ta' kiri ta' vetturi. Għal xi żmien, l-imħarrek ħaddem is-sistema hu. Wara xi żmien, kera l-vetturi mgħammra bit-*transceivers* b'kollox lil ditta oħra ("Pasta Poiatti"). Il-kawża nfetħet f'Marzu tal-1998;

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru l-każ jirriżulta li n-negozju li seħħ bejn il-partijiet kien wieħed ta' bejgħ u mhux ta' xi kuntratt ieħor. Dan joħroġ kemm mit-tfassila tal-atti ġudizzjarji mressqin mill-partijiet (iċ-Ċitazzjoni titkellem dwar bejgħ, u n-Nota tal-Eċċezzjonijiet tqanqal difiża li tabilfors tinkwadra ruħha fil-qafas tal-istess kuntratt) u kif ukoll mill-provi mressqa minnhom;

Illi fil-qasam tal-bejgħ, il-liġi trid li l-kuntratt iseħħ hekk kif il-partijiet jaqblu fuq il-ħaġa oġġett tal-ftehim u dwar il-prezz tagħha. Imqar jekk il-ħaġa ma tkunx għaddiet f'idejn ix-xerrej u ma jkunx ħallas prezzha, huwa jsir sidha, u minn dak il-waqt 'l hemm is-sogru tagħha jgħaddi f'idejh[4]. L-obbligu tax-xerrej huwa dak li jħallas il-prezz tal-ħaġa mibjugħa[5]. L-obbligi tal-bejjiegħ huma dawk li jikkunsinnaha lix-xerrej u jiggarantihielu[6];

Illi l-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa ssir jew billi titqiegħed f'idejn ix-xerrej[7] jew, f'każ li dan ma jistax isir fil-waqt tal-ftehim, billi ssir bil-kunsens waħdu tal-partijiet[8]. Fejn il-bejjiegħ jonqos li jagħmel f'waqtha l-kunsinna, x-xerrej

[4] Art. 1347 tal-Kap 16
[5] Art. 1346 tal-Kap 16
[6] Art. 1378 tal-Kap 16
[7] Art. 1380 tal-Kap 16
[8] Art. 1381(ċ) tal-Kap 16

jista' jew jitlob li jinħall il-kuntratt jew li jitqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa[9]. Fejn ix-xerrej ikun ġarrab ħsara minħabba n-nuqqas f'waqtu tal-kunsinna, l-bejjiegħ irid jagħmel tajjeb għad-danni[10]. Min-naħa l-oħra, fejn il-bejjiegħ jikkunsinna ħaġa li ma tkunx dik imwegħda jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu jkun intlaħaq ftehim, ix-xerrej jista' jew jirrofta l-ħaġa kunsinnata jew jaċċettaha imma bi prezz anqas, kif meqjus minn stima ta' periti[11];

Illi dwar il-garanzija, l-bejjiegħ obbligat jiggarantixxi lix-xerrej kemm it-tgawdija mingħajr xkiel tal-ħaġa mibjugħa u kif ukoll li l-ħaġa mibjugħa tkun ħielsa minn difetti li ma jidhrux[12]. Jekk jonqos f'tal-ewwel u x-xerrej jitlef it-tgawdija tal-ħaġa, il-bejjiegħ irid jagħmel tajjeb għar-radd lura tal-prezz li jkun tħallas, il-frottijiet li x-xerrej ikun intalab li jagħtu lura lis-sid veru, l-ispejjeż ġudizzjarji minfuqa mix-xerrej biex jiddefendi ruħu mit-talbiet tas-sid veru tal-ħaġa, u l-ħlas tal-ħsara flimkien mal-ispejjeż tal-kuntratt li jkun ġarrab ix-xerrej[13]. Jekk il-bejjiegħ jonqos minn tat-tieni, x-xerrej jista' jagħżel jew li jrodd lura l-ħaġa difettuża u jitlob li jitħallas lura l-prezz li kien nefaq biex kisibha (rimedju redibitorju), jew li jagħżel li jżommha bi tnaqqis mill-prezz imħallas kif stabilit mill-Qorti (rimedju stimatorju)[14];

Illi l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti huwa wieħed ta' bejgħ ta' ħaġa mobbli li għaddiet f'idejn l-imħarrek u għal xi żmien użatha minnu. Mill-prezz tħallset biss biċċa akkont. Il-fatt tal-bejgħ m'huwiex kontestat. L-imħarrek jgħid li l-oġġett mibjugħ ma kienx dak li ried;

Illi minħabba li l-imħarrek jilqa' għall-azzjoni attriċi billi jgħid li t-tagħmir mibjugħ lilu mill-kumpannija attriċi ma kienx tal-kwalita' miftehma, irid l-ewwel u qabel kollox jiġi stabilit x'kien il-ftehim. Dwar dan jidher li hemm nuqqas ta' fehma u tnissel konlitt bejn il-partijiet. Il-perit tekniku wkoll jistqarr li ma kellux fuq xiex jimxi. Jirriżulta li,

---

[9] Art. 1385 tal-Kap 16
[10] Art.1386 tal-Kap 16
[11] Art. 1390 tal-Kap 16
[12] Art. 1408 tal-Kap 16
[13] Art.1413 tal-Kap 16
[14] Art. 1427 tal-Kap 16

sakemm l-imħarrek ħa l-konsenja tat-tagħmir, ma kien sar l-ebda ftehim miktub. Lanqas ma kienet inħarġet *quotation* li setgħet tixħet dawl fuq dak li kien mitlub u dak li l-partijiet ftehmu dwaru. Ladarba l-imħarrek jgħid li l-ħaġa mibjugħa ma kinitx tal-kwalita' miftehma, kien jaqa' fuqu l-obbligu li jipprova fiex kien jikkonsisti l-ftehim;

Illi huwa ċar li l-imħarrek iserraħ il-każ tiegħu fuq ir-rimedju mogħti mill-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. M'huwiex qiegħed jallega li t-tagħmir lilu mibjugħ kien milqut minn xi difett mistur, lanqas ma qiegħed jgħid li l-ħaġa mibjugħa kienet ta' ħaddieħor li jippretendi li għadu sidha jew li għandu xi jedd fuqha. Huwa aċċettat li fil-każ fejn xerrej jiġi mfittex mill-bejjiegħ għall-ħlas tal-prezz jew tal-bilanċ, jista' jilqa' b'eċċezzjoni li l-ħaġa mibjugħa ma kinitx tal-kwalita' miftehma (minbarra li kellu l-jedd ukoll li jattakka dak il-bejgħ b'azzjoni mibdija minnu kontra l-bejjiegħ). Dan huwa dak li għamel l-imħarrek f'din il-kawża;

Illi minbarra dan, hemm fehma wkoll li biex tista' titressaq sewwa l-eċċezzjoni li l-ħaġa mibjugħa ma kinitx taqbel ma' dak miftiehem bejn il-partijiet, din l-eċċezzjoni trid titressaq ukoll fi żmien xieraq. Kemm hu hekk, minħabba li l-**azzjoni** mogħtija lix-xerrej taħt l-artikolu 1390 taqa' b'għeluq is-sentejn minn dak inhar tal-kuntratt[15], l-istess xerrej m'huwiex mogħti aktar żmien minn hekk biex jiddefendi ruħu b'**eċċezzjoni** f'dan is-sens minn talba għall-ħlas magħmula mill-bejjiegħ[16]. Iż-żmien biex issir l-azzjoni huwa meqjus bħala wieħed perentorju: hekk ukoll huwa maħsub li huwa ż-żmien biex matulu tista' titressaq eċċezzjoni f'dak is-sens. Jekk ma jkunx hekk, ifisser li xerrej ikun jaqbillu ma jiftaħx il-kawża kontra l-bejjiegħ li jkun ġablu ħaġa b'oħra jew li ma tkunx tal-kwalita' miftehma milli li jiftaħ kawża bħal dik minn rajh. Il-bejgħ tat-tagħmir lill-imħarrek jidher li seħħ matul l-1996[17], x'aktarx lejn l-aħħar ta' dik is-sena. L-eċċezzjoni tressqet f'Mejju tal-1998, u għalhekk jidher li saret fi żmien utli;

---

[15] Art. 1407(1) tal-Kap 16
[16] P.A. GV **30.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit Automobiles Ltd. vs Charles Beżżina***
[17] "Dok FE1", f'paġ. 53 tal-proċess

IIlli l-imħarrek jgħid li huwa aċċetta l-ħaġa biss għal żmien sakemm il-kumpannija attriċi ġġiblu minn barra l-mudell li tassew ried. Jisħaq li ħa t-tagħmir li begħitlu l-kumpannija attriċi biex ikollu biex jinqeda[18], tant li għamel użu minnu kif seta'[19]. Min-naħa tagħha, l-kumpannija attriċi tgħid li l-ilmenti li tressqu mill-imħarrek (u mid-ditta li kienet qegħda tuża s-sistema fil-vannijiet tagħha) kienu l-aktar dwar tħaddim tajjeb tas-sistema[20] u mhux li dak li nbigħ ma kienx dak miftiehem. Kemm hu hekk, jidher li l-kwestjonijiet inqalgħu għaliex l-imħarrek ma bediex jitħallas il-kera tas-sistema li huwa istalla fil-vannijiet tad-ditta li lilha krihom bis-sistema mwaħħla fihom;

Illi l-Qorti m'hijiex tal-fehma li x-xhieda ta' Jesmond Decelis (li jirrappreżenta lid-ditta "Pasta Poiatti" li kriet il-vetturi mingħand l-imħarrek) hija rilevanti għall-kwestjoni ewlenija legali ta' din il-kawża. Huwa minnu li f'xi żmien kienet issemmiet id-ditta ta' Decelis, u hemm xhieda[21] li tindika li din id-ditta kienet indikat li riedet sistema fejn komunikazzjoni setgħet issir ma' kull sewwieq individwalment. Iżda din il-kwalifika kienet tista' sseħħ bis-sistema mibjugħa lill-imħarrek u xorta waħda jibqa' l-fatt li l-bejgħ tat-tagħmir sar lill-imħarrek u mhux lil Decelis u n-nuqqasijiet li dan jgħid li sab fit-tħaddim tas-sistema tar-*radios* fil-vetturi tal-kumpannija tiegħu ma setgħu kienu qatt il-mertu tan-negozju li sar bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek. Ma ntwera bl-ebda mod li meta l-imħarrek xtara s-sistema mingħand il-kumpannija attriċi dan ħa miegħu lil xi rappreżentant tad-ditta ta' Decelis. Għall-kuntrarju, l-imħarrek xehed li ried is-sistema biex ikun jista' hu jikkuntattja lil sewwieqa jew garaxxijiet oħrajn. Min-naħa l-oħra, jekk huwa kellu f'moħħu li s-sistema jgħaddih lil terzi, dan kien ifisser li r-rabta li tinħoloq bejnu u t-terz kienet tkun "*res inter alios*" għall-kumpannija attriċi u għar-rabta kuntrattwali ta' bejgħ li seħħet bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek biss. L-istħarriġ għalhekk dwar l-effikaċja tas-sistema mibjugħa irid isir f'dak li kellu fi ħsiebu l-imħarrek meta, bħala xerrej, innegozja mal-kumpannija attriċi;

---

[18] Xhieda tiegħu 11.6.1999, f'paġ. 64 tal-proċess
[19] *Ibid.* f'paġ. 65-6 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Mario Ebejer 11.9.1998, f'paġ. 59 tal-proċess
[21] Kontro-eżami ta' Fabian Brincat 11.6.1999, f'paġ. 71 tal-proċess

Illi l-imħarrek ma seħħlux juri sewwasew x'kien ġie miftiehem bejnu u l-kumpannija attriċi dwar x'ried tassew jikseb mingħandha. Din id-diffikulta' tkompli tikber minħabba li ma sar xejn bil-miktub. Lanqas jidher li l-imħarrek spjega b'reqqa lill-attriċi għalfejn kien maħsub li jiġi stallat dak it-tagħmir. Il-kumpannija attriċi kienet taf li l-imħarrek kellu flotta ta' vetturi li huwa jikri mill-garaxx tiegħu, iżda huwa ma kienx speċifika wisq aktar minn hekk, ħlief li ried ikun f'qagħda li jikkomunika mill-bażi tiegħu mal-vetturi li jkunu fuq it-toroq jew ma' garaxxijiet oħrajn[22]. It-tagħmir mibjugħ, kif jixhed il-*brochure* informattiv dwar il-mudell li xtara l-imħarrek[23], kien iwettaq dik il-funzjoni u hemm saħansitra mat-tnejn u erbgħin (42) verżjoni differenti tal-mudell partikolari, kollha maħsuba għal ċirkostanzi partikolari. L-imħarrek qal biss li kulma kien talab lill-kumpannija attriċi kien li s-sistema ried ikun wieħed "*3 digital*" bi tlitt mitt (300) kanal biex ikun jista' jikkomunika bih ma' garaxxijiet oħrajn tal-kiri tal-karozzi;

Illi minn kif joħorġu l-fatti f'din il-kawża, jidher li l-imġiba tal-imħarrek ma taqbilx ma' dak li l-liġi tgħid li jmissu jagħmel xerrej li jkun ingħata ħaġa li mhix dik miftehma. Il-fatt li huwa jistqarr li uża t-tagħmir (u xi kultant użah ħażin ukoll) flimkien mal-fatt li baqa' jżommu għandu (stivat u skonnettjat fil-kamra tal-pranzu tad-dar tiegħu) bla ma qatt raddu lura jew talab lill-bejjiegħ jiġi għalih, jixhdu li l-imħarrek naqas għal kollox milli jimxi ma' dak li l-liġi tgħid li messu għamel biex ikun jistħoqqlu l-ħarsien tagħha. Ladarba huwa għażel li jimxi b'dak il-mod, ma kienx sewwa li huwa jibqa' jgħid li l-bejgħ ma kienx jiswa. L-aktar li seta' talab f'dik iċ-ċirkostanza kien it-tnaqqis tal-prezz bi stima ta' perit maħtur mill-Qorti. Minn dan kollu ma għamel xejn. Għall-kuntrarju, t-tagħmir stallah fil-vetturi li huwa, flimkien mal-istess tagħmir, kera lil terzi;

Illi mbagħad hemm il-fattu tal-użu dikjarat tat-tagħmir mixtri, liema użu, tajjeb jew ħażin, baqa' sejjer sakemm l-imħarrek għażel li jiskonnettjah[24]. Hemm ukoll il-ħlas ta'

[22] Xhieda tal-imħarrek 11.6.1999, f'paġ. 63 tal-proċess
[23] Dok "FE2", f'paġġ. 54-6 tal-proċess
[24] Kostatazzjoni tal-perit tekniku waqt l-aċċess f'paġ. 45 u 90 tal-proċess

rata akkont mill-prezz. U, fit-tielet lok, hemm ukoll iċ-ċirkostanza diġa' msemmija li l-imħarrek żamm għandu t-tagħmir mixtri wkoll wara li qatagħha li jieqaf jużah aktar;

Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

Illi għar-rigward tat-<u>tieni eċċezzjoni</u> mqanqla mill-imħarrek, il-Qorti hija tal-fehma li din l-eċċezzjoni wkoll m'hijiex mistħoqqa. Għalkemm mill-mod kif inhija msawra, l-eċċezzjoni tista' tkun x'aktarx ambigwa (billi tista' tinftiehem bħala l-"*exceptio soluti*"), jidher iżda li l-imħarrek qiegħed jgħid li huwa kien lest li jħallas il-prezz ladarba jingħatalu t-tagħmir li tassew kien jeħtieġ. Din l-eċċezzjoni kienet tagħmel sens li kieku x-xerrej ma baqax iżomm għandu l-ħaġa mixtrija. L-imħarrek ma raddx lura lill-kumpannija attriċi t-tagħmir mibjugħ, u lanqas iddepożitah fil-Qorti. Meta jiġri hekk, ix-xerrej li jkun allega li l-ħaġa mibjugħa ma kinitx tal-kwalita' miftehma, jkun waqqa' l-ġebla fuq saqajh[25] u tilef il-jedd li jirrifjuta li jħallas il-prezz[26];

Illi għalhekk ukoll, it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek m'hijiex sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel talba** u dan fid-dawl tad-degriet mogħti fl-24 ta' April, 1998;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' elf tliet mija u sittin lira Maltija u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm 1360.31) rappreżentanti l-prezz ta' *private mobile radio system* lilu minnha mibjugħ u stallat;

**Tiċħad l-eżżezzjonijiet** tal-imħarrek bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

[25] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***L & D Attard Co. Ltd. vs Eurometal Co. Ltd.***
[26] App. Inf. **9.2.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***M.A.S. Communications Ltd. vs The Malta External Trade Corporation Ltd.***

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża flimkien mal-imgħaxijiet legali b'effett mis-17 ta' Marzu, 1998, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------